

V

(Avviżi)

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI
KOMUNI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika li temenda n-Notifika ta' bidu ta' proċeduri kontra s-sussidji rigward l-importazzjoni ta' bajsikils li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ppubblikata fis-27 ta' April 2012, u li testendi dawn il-proċeduri għall-importazzjonijiet ta' dan it-tip ta' bajsikils mibgħuta mill-Indonesja, mill-Malasja, mis-Sri Lanka u mit-Tuneżija

(2012/C 346/07)

Fis-27 ta' April 2012, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") tat bidu għal proċeduri kontra s-sussidji rigward l-importazzjoni ta' bajsikils li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ⁽¹⁾ ("in-notifika ta' bidu kontra s-sussidji") skont l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 tal-11 ta' Ġunju 2009 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumex membri tal-Komunità Ewropea ⁽²⁾ ("l-investigazzjoni kontra s-sussidji").

Fis-26 ta' Settembru 2012, il-Kummissjoni ppubblikat ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 875/2012 tal-25 ta' Settembru 2012 li jibda investigazzjoni rigward il-possibbiltà ta' evażjoni tal-miżuri antidumping imposti mir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 990/2011 fuq l-importazzjonijiet ta' roti li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina b'importazzjonijiet ta' roti kkunsinjati mill-Indoneżja, il-Malasja, is-Sri Lanka u t-Tuneżija, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Indoneżja, il-Malasja, is-Sri Lanka u t-Tuneżija u kemm jekk le, u li jagħmel tali importazzjonijiet soġġetti għar-reġistrazzjoni ⁽³⁾ skont l-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ⁽⁴⁾ ("l-investigazzjoni kontra d-dumping u kontra ċ-ċirkomvenzjoni").

Billi l-investigazzjoni msemmija hawn fuq, kontra d-dumping u kontra ċ-ċirkomvenzjoni, tkopri l-istess prodott bħall-investigazzjoni kontra s-sussidji, jiġifieri l-importazzjoni ta' roti (bajsikils) u ċikletti mhux motorizzati oħrajn (inklużi t-triċikletti għall-konsenjar ta' prodotti, iżda esklużi l-uniċikletti), li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, il-kamp ta' applikazzjoni tan-notifika ta' bidu ta' proċeduri kontra s-sussidji għandu jiġi emendat *ex officio* biex jirrifletti l-bidu tal-investigazzjoni kontra d-dumping u kontra ċ-ċirkomvenzjoni. Dan huwa meħtieġ, fost raġunijiet oħrajn, biex jekk ikun xieraq, jippermetti l-inklużjoni ta' kull importazzjoni tal-prodott ikkonċernat li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, mibgħuta mill-Indonesja, mill-Malasja, mis-Sri Lanka u mit-Tuneżija, fl-analiżi tal-kawża tal-proċeduri kontra s-sussidji.

Għal dan il-għan, wara t-tieni paragrafu tal-punt 5 tan-notifika ta' bidu ta' proċeduri kontra s-sussidji, se jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 875/2012 tal-25 ta' Settembru 2012 li jibda investigazzjoni rigward il-possibbiltà ta' evażjoni tal-miżuri antidumping imposti mir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 990/2011 fuq l-importazzjonijiet ta' roti li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina b'importazzjonijiet ta' roti kkunsinjati mill-Indoneżja, il-Malasja, is-Sri Lanka u t-Tuneżija, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Indoneżja, il-Malasja, is-Sri Lanka u t-Tuneżija u kemm jekk le,

⁽¹⁾ ĠU C 122, 27.4.2012, p. 9 (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽²⁾ ĠU L 188, 18.7.2009, p. 93.

⁽³⁾ ĠU L 258, 26.9.2012, p. 21.

⁽⁴⁾ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

u li jagħmel tali importazzjonijiet soġġetti għar-reġistrazzjoni ⁽¹⁾, l-investigazzjoni tista' wkoll tiddetermina jekk l-importazzjonijiet li allegatament huma ċirkomvenzjoni humiex importazzjonijiet tal-prodott li qiegħed jiġi investigat li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, u li allegatament qed jiġi ssussidjat.

⁽¹⁾ ĠU L 258, 26.9.2012, p. 21."

Il-punt 5.6. għandu jsir il-punt 5.7. u t-titolu tiegħu għandu jkun dan li ġej:

"5.7. Istruzzjonijiet għas-sottomissjonijiet bil-miktub u biex jintbagħtu l-kwestjonarji mimlija u l-korrispondenza."

Għandu jiddaħħal punt 5.6. għdid bejn il-punti 5.5. u 5.7. u dan għandu jgħid dan li ġej:

"5.6. Informazzjoni marbuta mal-kwistjoni msemmiya fit-tielet paragrafu tal-punt 5:

Il-partijiet kollha interessati li jixtiequ jressqu xi tagħrif rilevanti rigward it-tielet paragrafu tal-punt 5 jridu jagħmlu dan fi żmien 37 jum mill-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika ta' emenda f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor."
